# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 16 ta' Novembru 2021**

**Talba numru 220/2021SFJ**

**RUDOLPH SIVE RUDI XUEREB (124679M) FIL-KWALITÀ TIEGĦU PERSONALI U BĦALA ĠESTITUR TAD-DITTA "GUEST GREETINGS AMENITIES"**

**VS.**

**PARK HOTEL LIMITED**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

> "*L-attur pro etnoe qed jitlob li s-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' elfejn, sitt mija u sebgħa u għoxrin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€2,627.86) bilanċ ta' somma akbar u rappreżentanti t-tielet parti tal-ordinazzjoni ta' 'hotel*

*amenities/toiletries' ordnati tal-logo tal-lukanda 'Park Hotel' u dan kf jidher mill-fattura hawn unita u mmarkata Dok. A u B.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra legali tal-5 ta' Mejju 2021 u taċ-ċedola ta' depożitu ppreżentata kontestwalment u bl-imgħaxijiet mid-data meta kellha ssir din il-konsenja, kontra s-soċjetà intimata bir-rappreżentanti tagħha minn issa nġunti għas-subizzjoni.*"

Ra li skont ir-riferta relattiva, is-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smiegħ fid-9 ta' Awwissu 2021.

Ra li s-soċjetà intimata ma ppreżentat ebda risposta jew sottomissjoni oħra u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha għas-seduti li nżammu.

Sema' ix-xhieda tal-attur, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-16 ta' Novembru 2021.

**Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

L-attur xehed fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2021 u qal li hu kien daħal f'kuntratt mas-soċjetà konvenuta sabiex jipprovdi xi *amenities* fil-lukanda. Saru żewġ konsenji u t-tielet konsenja ppjanata ma seħħitx għaliex skont l-attur, l-awtoritajiet tas-sanità għalqu l-lukanda. Qal li kkuntattja lil Marisa Camilleri, direttur tas-soċjetà konvenuta, biex jipprova jsib data għall-konsenja relattiva. Huwa kkonferma l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba u spjega taħt ġurament li l-ammont dovut inkluda t-tielet konsenja, liema konsenja ġiet iddepożitata taħt l-awtorità tal-Qorti tramite ċedola ta' depożitu.

Huwa evidenti li s-soċjetà konvenuta hija kontumaċi stante li la ppreżentat risposta jew sottomissjoni oħra u lanqas qatt dehret għal xi seduta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda tal-attur, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-attur jimmerita li jieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet tal-attur pro et nomine u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' elfejn u sitt mija u sebgħa u għoxrin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€2,627.86) bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-data meta kellha ssir l-aħħar konsenja skont il-ftehim (dokument RX1), jiġifieri entro disgħin (90) jum mill-konsenja, u għalhekk bl-imgħaxijiet dekorribbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, liema mgħaxijiet għandhom jiġu kkalkulati mid-data ta' meta ġiet ippreżentata ċ-ċedola ta' depożitu relattiva.

It-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż taċ-ċedola ta' depożitu u spejjeż tal-ittra legali stante li ma ġiet ippreżentata ebda prova ta' dawn.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**